

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 1215/2013

tat-28 ta' Novembru 2013

**i jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 rigward l-estensjoni tat-tariffa ta' kwoti tal-Unjoni għall-prodotti magħmulin mill-ġuta u mill-fibra tal-ġewż tal-Indi**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 tas-17 ta' Diċembru 1999 li jiftaħ u jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti ta' tariffi Komunitarji marbutin fil-GATT u ġerti kwoti ta' tariffi Komunitarji oħra u li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-aġġustament tal-kwoti, u li jirrevoka r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1808/95<sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari t-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(b) tiegħu,

Billi:

- (1) Skont l-offerta li għamlet fi ħdan il-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) flimkien mal-iskema tagħha ta' preferenzi ġeneralizzati (SPG), fl-1971 l-Unjoni introduċiet preferenzi ta' tariffi għall-prodotti magħmulin mill-ġuta u mill-fibra tal-ġewż tal-Indi li jorigiaw fċerti pajjiżi li għadhom qegħdin jiżviluppaw. Dawn il-preferenzi ħadu l-ghamlia ta' tnaqqis gradwali tad-dazji tat-Tariffa Doganali Komuni u, mill-1978 sal-31 ta' Diċembru 1994, ta' sospensjoni sħiħa ta' dawn id-dazji.
- (2) Sa mid-dħul fis-seħħ tal-SPG fl-1995, l-Unjoni, flimkien mal-GATT, fetħet kwoti ta' tariffa awtonomi ta' dazju-żero tal-Unjoni għal kwanitajiet spċifici ta' prodotti tal-ġuta u tal-fibra tal-ġewż tal-Indi. Il-kwoti ta' tariffi li nfetħu għal dawk il-prodotti skont ir-Regolament (KE) Nru 32/2000 ġew estiżi sal-31 ta' Diċembru 2013 mir-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 17/2012<sup>(2)</sup>.
- (3) Peress li SPG ġidida għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2014 sal-31 ta' Diċembru 2023 skont ir-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-

Kunsill<sup>(3)</sup>, l-arranġament għal kwoti ta' tariffi għall-prodotti magħmulin mill-ġuta u mill-fibra tal-ġewż tal-Indi għandu jiġi estiż skont dan.

- (4) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 32/2000 għandu jiġi emendat skont dan.
- (5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Il-ħames kolonna ("Perjodu tal-kwota") tat-tabella fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 32/2000 hija emendata kif ġej:

1. It-test għan-numru tas-serje 09.0107 huwa sostitwit b'dan li ġej:  
"mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena sal-31 ta' Diċembru 2023",
2. It-test għan-numru tas-serje 09.0109 huwa sostitwit b'dan li ġej:  
"mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena sal-31 ta' Diċembru 2023",
3. It-test għan-numru tas-serje 09.0111 huwa sostitwit b'dan li ġej:  
"mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena sal-31 ta' Diċembru 2023".

### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-publikazzjoni tiegħu f'il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Huwa għandu jibda jaapplika mill-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

<sup>(1)</sup> ĠU L 5, 8.1.2000, p. 1.

<sup>(2)</sup> Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 17/2012 tal-11 ta' Jannar 2012 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 32/2000 fir-rigward tal-estensjoni tal-kwoti ta' tariffi tal-Unjoni għal prodotti magħmulin mill-ġuta u mill-fibra tal-ġewż tal-Indi (ĠU L 8, 12.1.2012, p. 31).

<sup>(3)</sup> Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li jaapplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, 31.10.2012, p. 1).